MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2014

Numru. 1070/2013

**Artikoli 261 (c), 279 (a) u 334 tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**ALFRED BROWN**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ALFRED BROWN** bin Missier mhux maghruf u Helen nee' Brown imwieled Rahal Gdid, Malta f'16.11.1942 u li joqghod La Palma, Triq is-Serbja, Marsaskala detentur tal-karta tal-identita 661242M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'Settembru 2013 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data mill-Marsa Golf Course gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' apparat tal-Golf liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

**2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi:** gewwa l-Marsa Golf Course u f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta

jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih liema oggetti jeccedu l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta' Ottubru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. CSH a fol. 12, fedina penali mmarkata bhala Dok. CSH1 a fol. 13 u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. CSH2 li jinsab a fol. 14 tal-Process.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni datat 21 ta' April 2014 moghti mill-Prim Imhallef u minnufih il-Magistrat sedenti appuntat dan il-kaz ghas-smiegh ghal nhar it-8 ta' Mejju 2014.

Rat illi wara li gew mahlufa l-akkuzi u sar l-ezami lill-imputat, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar it-8 ta' Mejju 2014 (fol. 9 tal-process).

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed l-**Ispettur Roderick Agius** u esebixxa l-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata

b'mod sommarju, liema kunsens huwa datat 29 ta' Ottubru, 2013 immarkat mill-Qorti bhala dokument CSH. Esebixxa fedina penali tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla bhala Alfred Brown, li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument CSH1. Esebixxa wkoll att tat-twelid tal-imputat li gharaf prezenti fl-Awla u li gie mmarkat bhala dokument CSH2.

Dwar l-investigazzjoni l-Ispettur xtaq jghid illi fit-tnax (12) ta' Ottubru, tas-sena 2013 huwa gie nfurmat minn PS 539 Fabian Caruana, li kien ghadu kif dahal rapport gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi minn certu Felicity Ann Dix illi hija propjetarja ta' hanut li tbiegh apparat tal-Golf gewwa l-Golf Course tal-Marsa illi xi ftit tal-jiem qabel kellha xi *trolley* tal-Golf li kien gie misruq u llum kienet sabitu fil-prezenza ta' certu Alfred Brown li gharfu prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern.

Huwa ta struzzjonijiet lill-PS 539 sabiex imur fuq il-post u jfittex lil Alfred Brown u qallu sabiex jarrestah u jiehdu l-Ghassa ta' Hal Qormi sabiex jigi mitkellem minnu. Fil-fatt hekk sar u kellmu fl-ufficcju tieghu ghall-habta tas-siegha neqsin kwart (12:45) ta' wara nofsinhar tal-istess gurnata fejn inghata s-solitu twissija u d-dritt tal-Avukat fejn huwa ghazel li ma jikkonsultax mal-Avukat tieghu.

Meta gie mistoqsi rigward dan it-*trolley* huwa qal li dan it-*trolley* kien tieghu minhabba l-fatt illi kien xtrah min fuq Ebay ghall-prezz ta' *one hundred forty sterling* (£140). Meta huwa staqsieh jekk ghandux dokumenti, xi *emails* jew xi tip ta' xi haga ohra li jikkonferma li dan

mixtri minn fuq Ebay huwa qallu li mhux hu kien xtrah min fuq Ebay imma certu habib tieghu u huwa staqsieh biex jaghtih naqra iktar informazzjoni fuq dan il-habib tieghu u hu qallu li m'ghandux informazzjoni dwaru, li bhalissa qieghed l-Ingilterra u ma jistghax jaghmel kuntatt mieghu. Kull ma qallu kien li jismu certu Elistair McKlean. Eventwalment huwa kompla jkellmu, staqsieh ukoll jekk ghandux xi kuntatt mieghu permezz ta' *facebook*, *twitter* jew kull mod iehor u hu qal li m'ghandu l-ebda tip ta' kuntatt mieghu u l-ebda tip ta' dokument illi juri illi dan bazikament kien xtrahulu hu. Staqsieh ukoll kif dan it-*trolley* kien gie d-dar, kien qallu li kien gabulu dan certu Elistair McKlean u ma kienx ircivieh id-dar bil-posta. Bazikament imbaghad ukoll staqsieh jekk jixtieqx jirritorna dan it-*trolley* lura lil sidu fejn huwa accetta u eventwalment dan it-*trolley* gie rritornat lura lil sidu.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehdet **Felicity Dix** bil-lingwa Ingliza u spjegat li hi tiftakar li fit-tnejn (2) ta' Ottubru, elfejn u tlettax (2013) kellha *trolley* elettriku li gie mqieghed fil-kamra tat-*trolleys* fil-Royal Malta Golf Court. Tiftakar li dan it-*trolley* ma kienx ghadu hemm. Dan huwa msejjah Royal Malta Golf Club.

Hija marret tfittex fil-kamra tat-*trolleys* biex tara jekk issibux. Sabitu marbut b'katina bl-isem ta' Alfie Lang. Harset lejn is-*serial number* tieghu biex tikkonferma li dan kien taghha u kkonfermat li dan kien l-istess *trolley* li xtrat minghand kumpanija fl-Ingilterra li jisimha Power Caddy. Sussegwentement Arthur baghtilha konfermazzjoni tas-*serial number* tal-istess *trolley* u rceviet dokumentazzjoni fuq din il-kumpanija, liema dokumentazzjoni giet esebitha fil-Qorti u giet immarkata bhala dokument MG.

Sussegwentement tkellmet mal-imputat li gharfet fil-Qorti bhala Alfred Brown u staqsietu minn fejn gabu u qallha li kien xtrah minn fuq l-Ebay. Hi qaltlu li dan it-*trolley* kien simili ta' dak li kellha hi u kellu wkoll l-istess *serial number*.

Esebiet ritratti ta' dan it-*trolley* elettriku flimkien mas-*serial numbers* indikati fuqu. Dawn iz-zewg ritratti gew immarkati mill-Qorti bhala dokumenti MG1 u MG2 rispettivament. Taghtu gimgha biex ibiddel fhemtu u cemplet lill-Pulizija. Dan kien is-Sibt tnax (12) ta' Ottubru, elfejn u tlettax (2013).

Ikkonfermat li s-*serial number* ta' dan it-*trolley* kien 88106115 bhal ma hu ndikat fid-dokument MG. Dwar dan l-incident tkellmet ukoll mal-amministrazzjoni tal-Golf Club u staqsiethom biex tara l-kameras tas-sigurta' izda dawn idumu biss gimghatejn u ma setghux isibu d-data in kwistjoni. Ikkonfermat li dan it-*trolley* hi ma uzatux fix-xhur tas-sajf, is-soltu tuza umbrella. Ikkonfermat li l-valur tat-*trolley* in kwistjoni huwa ta' erba' mitt ewro (€400). Esebiet ircevuta li tirrigwarda l-akkwist ta' dan it-*trolley* li qed tindika li hi xtratu ghas-somma ta' tlett mija u disgha u tmenin ewro (€380). Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MG3. Esebiet komunikazzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-Golf Course li giet immarkata bhala dokument MG4, flimkien mal-garanzija li kienet inghatat ma' dan it-*trolley* li giet immarkata bhala dokument MG5.

Mistoqsija jekk kienitx xtrat dan it-*trolley* biex terga' tbieghu spjegat li le dan kienet xtratu biex izzommu bhala spare halli jekk xi *trolley* li kellha jigrilu l-hsara fil-Marsa Golf Club hi tkun tista' tuzah. Fil-fatt hi stess tuzah.

Il-kamra tat-*trolleys* hija *area* fejn kulhadd iqieghed it-*trolley* tieghu. Din issibha fil-Golf Club u ghalhekk il-membri tar-Royal Malta Golf Club biss ghandhom access ghaliha. Izda kkonfermat li l-akkuzat kien membru tar-Royal Malta Golf Club taht l-isem ta' Alfred Lang.

Fil-fatt l-akkuzat qabel l-incident kellu t-*trolley* tieghu li huwa differenti minn dan odjern. Hija kkonfermat ukoll li kienet ukoll tmexxi hanut li kien sitwat fil-Golf Club. Ikkonfermat li fl-ghoxrin (20) ta' Settembru 2013, l-akkuzat xtara batterija li kienet taqbel mat-*trolleys* li ssib fil-hanut taghha.

Mistoqsija jekk din il-batterija kienitx impoggiha fuq it-*trolley* in kwistjoni hi ma setghetx tikkonferma dan ghaliex il-batteriji kienu jitpoggew fil-*locker* separat biex jibqghu jigu ccargjati. Ikkonfermat li t-*trolley* kien rega' gie moghti lura lilha, u llum jinsab fil-pussess taghha.

Illi nhar it-8 ta’ Mejju, 2014 xehed **PS 539 Fabian Caruana** u spjega li fit-tnax (12) ta’ Ottubru, 2013 ghall-habta tal-hdax u kwart (11:15am) ta’ filghodu kienet marret is-Sinjura Felicity Dix l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal-Qormi anzi spjega illi saret telefonata gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal-Qormi u rrapurtat fil-vesti taghha ta’ sid il- hanut li jinsab gewwa l-

Marsa Golf Court illi dak il-hin li hija kellha wiehed mit-*trolleys* taghha misruqa.

Huwa ghalhekk acceda fuq il-post gewwa l-Marsa, u hemmhekk tkellem ma' Felicity Dix. Din infurmatu li xi xahar qabel kellha t-*trolley* misruq pero' ma kienitx ghamlet rapport dwaru. Cio nonostante kienet sabet dan l-istess *trolley* marbut gewwa *locker room* u dan it-*trolley* kien marbut permezz ta' katnazz. Sussegwentment hija kienet ivverifikat in-*number* tieghu u kkonfermatlu li effettivament dan kien l-istess *trolley* li jappartjeni lilha. Spjega wkoll illi in segwitu s-sinjura Dix kellha taghmel il-verifiki mas-*supplier* barrani minn fejn xtratu, sabiex tikkonferma li effettivament kienet xtrat it-*trolley* bl-istess *serial number* fuqu.

Sakemm kien qed jitkellem mas-Sinjura Dix gie min kien qed jaghmel uzu minn dan it-*trolley* li gharfu prezenti fl-Awla bhala l-imputat Alfred Brown fejn fuq il-post huwa kellmu u beda jikkonferma li t-*trolley* in kwistjoni kien tieghu. Huwa staqsieh kif effettivament kien gie fil-pussess tieghu u ghall-ewwel qallu li kien xtrah minn barra, imbaghad qallu li kien qabbad habib tieghu jixtrihulu, u meta beda jitolbu ghall-ircevuti jew dokumentazzjoni beda jhawwad fil-verzjoni tieghu. Huwa fil-fatt esebixxa l-okkorrenza relattiva ta' dan ir-rapport, liema okkorrenza giet esebita prezenzjalment u mmarkata mill-Qorti bhala dokument PS.

Illi nhar it-8 ta' Mejju, 2014 xehed **PS 1240 Joseph Camilleri** u kkonferma li wara l-imputat kien gie nterrogat mill-Ispettur Roderick

Agius fit-tnax (12) ta' Ottubru, tal-2013. Ikkonferma illi l-imputat irritorna lura dan l-*electric trolley* u huwa ghaddieh lil Felicity Dix.

Illi nhar id-29 ta' Mejju, 2014 xehed **Alfred Brown** bil-lingwa Ingliza u spjega li huwa kien ilu membru tar-Royal Malta Golf Club ghal dsatax (19)- il sena. Huwa jiftakar li fil-21 ta' Ottubru, 2013 huwa gie avvicinat mis-Sinjura Dix u staqsietu jekk it-*trolley* li kellu fil-pussess tieghu kienx tieghu. Huwa jaf li halla t-*trolley* barra minhabba li kellu jmur fil-kamra tal-banju. Hija staqsietu minn fejn kien xtara t-trolley u hu qalilha li kien hadu b'sorpiza minn fuq l-*internet*. Huwa kien ilu juza dan it-*trolley* minn zmien gimghatejn qabel dan l-incident. Is-Sinjura Dix qaltlu wkoll li s-*serial number* ta' dak it-*trolley* partikulari kien gie mhassar.

Ghal bidu qalilha li ma kellux ideja fejn kien is-*serial number*. Huwa qalilha li kellu jmur jilghab loghba Golf imma meta jispicca jcemplilha u jkunu jistghu jaraw minn fejn gie mhassar is-*serial number*.

Huwa mar jilghab u uza l-istess *trolley*. Meta gie lura cempel lis-Sinjura Dix, mar fil-kamra tal-*lockers* u hi urietu *trolley* simili u urietu fejn kien is-*serial number*. Huwa pogga t-*trolley* tieghu hdejn dak li urietu fil-hogor tat-tieqa, dawwar ir-roti kontra biex jara fejn kien is-*serial number*. Ghall-ewwel ma rawhx is-*serial number* hemm u qalilha dan kollu ghaliex qed tara xi haga mhassra?

Is-Sinjura Dix kienet se tmur ‘l hemm u hu ghal darb’ohra rega’ dawwar it-*trolley* kontra u kien hemm *serial number*. Huwa ghajtilha lura u qalilha li s-*serial number* qieghed hemm u qalilha li tista’ tiehdu ghax hu ma kellux fuq hiex jinkwieta. Imbaghad hija kitbet in-numru, mhuwiex cert jekk hux fuq bicca karta jew fuq idejha u dak kien l-ahhar darba li kellu konversazzjoni maghha.

Huwa spjega li qatt ma nghata gimgha zmien bhal ma qalet is-Sinjura Dix u jaf li s-Sibt ta’ wara, u cioe’ gimgha wara Surgent u Kuntistabbli tal-Pulizija gew fuq insistenza taghha u kellmuh fuq it-*trolley* in kwistjoni. Is-Surgent staqsieh minn fejn xtara dan it-*trolley* u huwa qallu li kien xtrah minn fuq l-*internet*. Ghalkemm ma kienx hu li xtrah imma kien xtrah certu Elistair Mcklean ghalih. Is-Surgent qallu li hu jemmen li kien seraq dan it-*trolley* u huwa qallu li bhala stat ta’ fatt hu qatt ma seraq xejn f’hajtu. Huwa qallu wkoll li hu kellu l-*email* li kienet intbaghtet mis-Sinjura Dix lill-provditur tat-*trolley* u huwa qallu li iva dak kien in-numru li hu stess ta lis-Sinjura Dix. Fil-fatt qallu ghalfejn jaghti n-numru jekk huwa qed jigi akkuzat li seraq dan it-*trolley*. Huwa staqsieh ukoll kemm kien hallas ghalih u hu qallu li kien hallas mija u erbghin sterlina (£140) ghalih. Staqsieh kif kien hallas ghalih u huwa qallu li kien hallas personalment  bi flus kontanti. Ghalkemm huwa jemmen li s-Sur Mc Klean kien hallas ghalih permezz tal-Visa Card. Huwa qal li kien xtrah permezz ta’ *credit card* ghaliex kien xiri bl-*internet*.

Imbaghad jghid li gie arrestat u mehud l-Ghassa tal-Pulizija u rrilaxxja stqarrija. Huwa spjega li kien iltaqa’ mal-Pulizija fit-12 ta’ Ottubru, u

mas-Sinjura Dix iltaqa’ fit-2 ta’ Ottubru. Imbaghad gie mitkellem mill-Ispettur Agius u qallu li huwa akkuzat li kien seraq *trolley* u qallu li kellu zewg affarijiet li seta’ jaghmel. L-ewwel wahda kienet li seta’ jiehu t-*trolley* lura u jaghmel stqarrija u t-tieni wahda kienet li jzommu l-Ghassa tal-Pulizija sa tmienja u erbghin (48) siegha u l-konsegwenzi kienu akbar ghaliex jitressaq il-Qorti mill-ewwel. Huwa ha l-ewwel proposta li jirritorna t-*trolley* ghax ma riedx jaghmel tmiem il-gimgha fic-cella ghal mija u tmienja u erbghin (£148) sterlina. Huwa kellu l-mara u t-tfal fuq x’hiex jinkwieta u ghall-ammont li kien jiswa’ ma kkonfondiex.

Ikkonferma li kien Malta ghal ghoxrin (20) sena minn meta kellu hamsin (50) sena. Huwa rtira ta’ hamsin (50) sena. Huwa kellu *bar* f’Corwell qabel ma’ gie Malta u kellu anke ftit taxi. Huwa gemma’ hafna flus u ghalhekk irtira kmieni. Wara li biegh il-hanut u r-*restaurant* u l-proprjeta’ tieghu ma kienx hemm bzonn iktar li jahdem.

Apparti minn dan it-*trolley* huwa kellu *trolley* tal-elettriku. Esebixxa hames (5) ritratti li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. AB 1, AB 2, AB 3, AB 4, u AB 5 rispettivament li huma ritratti tat-*trolley* tieghu imma mhux tat-*trolley* in kwistjoni. Id-dokument AB 5 juri zewg batteriji. Huwa kkonferma wkoll li xtara batterija mill-hanut tas-Sinjura Dix f’Settembru, 2013. Gie muri ritratt AB 5 li huwa ritratt ta’ zewg batteriji, il-batterija tieghu l-antika li kien xtraha minghand is-Sinjura Dix sentejn u nofs qabel. Ta’ fuq ix-xellug huwa ritratt gdid li semmiet is-Sinjura Dix fix-xhieda taghha. Ir-raguni li xtara t-tieni batterija kienet minhabba li kellu l-inkwiet fit-*trolley*. Ghall-ewwel ma kienx jaf x’kienet il-hsara u hadha

ghand *electrician* biex jiccekkjahielu. Huwa sab xi hsara fil-kaxxa tal-kontroll li tidher ukoll fir-ritratti li esebixxa. Huwa rrangaha u tahielu lura. Huwa xorta baqa' jaghtih l-inkwiet it-*trolley* u xtralu batterija ghaliex l-ohra kienet qed taqghalu wara ghaxar (10) minuti. Bil-batterija l-gdida ma kellux izjed problemi.

Daz-zmien is-Sinjur Mc Klean kien jigi Malta kull sena ghal tliet (3) xhur, jahseb minn Awwissu sa Ottubru. Huwa ma kienx habib tal-qalb imma ltaqa' mieghu go *bar* f'Marsascala maghruf bl-isem ta' *Summer Nights*. Spjega li huwa flimkien mal-mara kienu qeghdin jieklu hemmhekk u dan Mc Klean semghahom jitkellmu bl-Ingliz. Infatti huwa mar jakkumpanjahom meta semaghhom jithaddtu bl-Ingliz u bdew jitkellmu. Huwa kien joqghod il-Qawra izda ma jafx fejn u biex jaqta' fil-qasir huma ltaqghu ghal madwar seba' (7) darbiet. Huwa staqsieh ghall-ewwel x'kien qed jaghmel u huwa qallu li fil-fatt jilghab il-Golf li kien il-passatemp tieghu u huwa qallu li hu jilghab il-Golf ukoll. Pero' ma kienx qallu li kien jilghab il-Marsa. Huwa staqsieh id-dizabilita' tieghu x'kienet u hu qallu li hija ftit gholja wiehed u ghoxrin (21) u huwa qallu li kienet sbatax (17). Imbaghad iddiskutew il-Golf u hu qallu li kien qed ikollu l-inkwiet bit-*trolley* u hu staqsieh jekk jistax igiblu wiehed darb'ohra meta jerga' jigi Malta u hu qallu li seta' jghinu ahjar minn hekk u li jgiblu wiehed mill-*internet*.

Mistoqsi jekk gabx wiehed hu stess huwa spjega li m'ghandux facilita', ghaliex m'ghandux kompjuter u ma jafx kif jaghmel uzu minnu lanqas.

Sebat (7) ijiem wara ltaqghu f'Marsascala, kien is-Sibt u hu qallu li kien gablu wiehed minn fuq l-*internet* mill-Ebay. Huwa fetah il-bagoll tal-karozza u kien hemm it-*trolley* u hu qallu li kien tajjeb. Imbaghad haduh id-dar tieghu u hallsu mija u erbghin sterlina (£140) imma jumejn wara huwa mar lura l-Ingilterra u hu ma rahx iktar minn dakinhar. Staqsieh jekk ghandux ricevuta u qallu li se jibghatielu imma qatt ma baghtielu. Huwa spjega li ma ghandux indirizz biex jikkuntatjah u hu m'ghandux ideja fejn jghix l-Ingilterra.

Mistoqsi min jaccessa l-kamra tal-*locker* huwa spjega li kulhadd ghalkemm fil-verita membri biss setghu jmorru fil-kamra. Il-bibien ghal gol-kamra jigru u huma kienu jhallu l-barmil taz-zibel quddiem il-bieb sabiex il-bieb ikun miftuh il-hin kollu u n-nies ikollhom access hieles. Madanakollu jekk ikunu okkazjonalment maghluqin huma jkollhom *code* biex jidhlu, kienet facli daqs il-wiehed, tnejn, tlieta, erbgha (1, 2, 3, 4). Fil-fatt kienet wiehed, tnejn, tlieta, erbgha (1, 2, 3, 4) hekk facli. Kulhadd kellu l-istess numru. Hemm zewg (2) entraturi ohra ma' genb il-bieb tal-hgieg, l-ewwel bieb faccata tar-*receptionist* u kien hemm iehor fuq in-naha tal-lemin li fuq wara kellu sinjal fuqu biex jithalla maghluq il-hin kollu imma ma kienx il-kaz u fil-fatt hemm barmil bejn il-bieb u l-koxxa biex izomm il-bieb miftuh jekk xi hadd ikollu access ghalih. It-tielet entratura tinsab billi tmur ghar-*reception*, iddur mal-lemin biex tmur fil-kamra tal-*locker* u ssib ukoll bieb fuq il-lemin li huwa access ghall-kamra tat-*trolley*.

F'Gunju, 2013 kellhom celebrazzjoni tal-mija u hamsa u ghoxrin (125) sena tal-*club* u hafna nies minn pajjizi madwar id-dinja li jinkludu New Zealand u l-Awstralja affiljati mal-*club* kienu mistiedna Malta ghal din ic-celebrazzjoni u ghalhekk il-bibien kienu miftuha l-hin kollu u kulhadd seta' jidhol. It-*trolleys* baqghu mizmumin fil-kamra tat-*trolleys*. Il-kamra hija itwal mill-Awla imma idjaq u ghalhekk din il-kamra kienet accessibbli ghal kulhadd il-hin kollu ghat-*trolley* u huwa kellu katina mas-serratura u katina mal-hajt. Esebixxa dokument immarkat AB6 li hija sitwazzjoni rigward it-*trolley*. Huwa gabha minghand ir-Royal Malta Golf Club. Peter Cuthbert tah dan id-dokument AB6.

Huwa qatt ma rega' ra lis-Sur Mc Klean minn meta' xtara t-*trolley* u m'ghandux indirizz tieghu.

Mistoqsi kif kien jiltaqa' mas-Sur McKlean meta kien Malta huwa spjega li kien iltaqa' mieghu minn gimgha ghal gimgha u jaghmlu appuntament. Fil-fatt kien ikun jum l-Erbgha jew is-Sibt iz-zewg iljieli li kien imur ghall-ikel. Qatt ma taw in-numri ta' kuntatt lil xulxin, huwa jaf li kien joqghod x'imkien il-Qawra.

Mistoqsi meta kien l-ahhar darba li huwa ltaqa' mas-Sur McKlean u xtara t-*trolley* tal-elettriku, huwa spjega li ma jiftakarx izda kien xi zmien f'Settembru jew fil-bidu ta' Ottubru, 2013. Qatt ma pprova jaghmlu kuntatt mas-Sur Mc Klean, huwa m'ghandux kompjuter id-dar u ma jafx juza l-*internet* ukoll. Ibnu gie joqghod mieghu f'Awwissu li ghadda u

huwa issa li ghandu kompjuter. L-ghamara tieghu giet hawn Malta f'Novembru, 2013.

Biex tasal ghall-Golf Club l-ewwel trid tigi max-xatba li taghti ghall-Marsa Sports Club u mbaghad hemm il-bieb tal-hgieg li jaghti ghall-Malta Royal Golf Club li jkun dejjem miftuh. Huwa jinfetah malli tersaq lejh. Ir-*receptionist* jidhlu qabel it-tmienja (8:00a.m.) u hemm nies li jmorru jilghabu l-Golf ghal xi s-sitta (6:00) ta' filghodu u ghalhekk mhux veru li r-*reception* tkun dejjem mghassa.

M'huwiex veru li s-*serial number* kien imhassar minn fuq it-*trolley*. Huwa cahad li s-Sinjura Dix qatt qaltlu li n-numru tas-serje kien imhassar, huwa kkonferma li hija kienet qaltlu hekk. Fil-fatt huwa kkonfrontaha u staqsieha min kien qalilha hekk li n-numru tieghu kien imhassar u hija qaltlu li certu Paul Gray kien qalilha hekk. Huwa spjega li ma setghax jaghti spjegazzjoni ahjar milli ta qabel kif it-*trolley* tas-Sinjura Dix gie ghandu.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 rega' xehed bil-lingwa Ingliza l-imputat **Alfred Brown** u esebixxa ritratt li gie immarkat bhala dokument X1 li jindika li l-bieb tal-kamra tal-*lockers* qieghed jithalla miftuh il-hin kollu. Hemm id-*dustbin port* quddiem il-bieb tal-elettriku li qieghed jaqta' ic-cirkwit u ghalhekk il-bibien ma jinghalqux bl-elettriku wahedhom, awtomatikament. Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala dokument X2.

Illi nhar l-4 ta' Lulju, 2014 xehed **Peter Cuthbert** bil-lingwa Ingliza u spjega li huwa membru tar-Royal Malta Golf Club pero' m'ghadux iktar membru u dan ilu li waqaf tlett (3) snin ilu. Kien ukoll it-tezorier tal-kumitat tal-Kaptan tal-istess club. Ikkonferma li meta huwa kien hemm, il-kamra tat-*trolley* kienet dejjem miftuha, kienet tkun miftuha filghodu u tithalla miftuha matul il-gurnata. Kienet problematika ghall-*club* ghaliex tista' tmur u tiehu t-*trolleys* sakemm ma taqfilhomx b'katnazz.

Is-sena l-ohra il-*club* iccelebra l-mija u hamsa u ghoxrin (125) sena u *clubs* ohrajn minn madwar id-dinja kienu mistiedna biex jattendu u jekk mhux sejjer zball attendew ghal dawn ic-celebrazzjonijiet madwar tmenin (80) ruh. Dan kien sar f'Gunju, tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dawn kienu iktar mill-membri tas-soltu. Huwa kien jaf li kienu sejrin fil-kamra tat-*trolley* u jiehdu t-*trolleys* u dan ghaliex qatt ma kien hemm bizzejjed *trolleys* ghall-kiri minn barra. Fil-fatt kien hemm habib tieghu u qallu li wiehed mill-barranin li gew kien qed jaghmel uzu mit-*trolley* tieghu.

Huwa halla l-*club* bil-kuntentizza tieghu. Mistoqsi ghalfejn qieghed hemm illum huwa spjega li qalulu biex imur. Madanakollu huwa stqarr li ma kienx prezenti ghac-celebrazzjonijiet tal-mija u hamsa u ghoxrin (125) sena pero' jassumi li s-sitwazzjoni baqghet l-istess. Jekk mhux sejjer zball l-incident bejn l-akkuzat u s-Sinjura Dix gara f'Settembru, elfejn u tlettax (2013). Jekk m'huwiex sejjer zball il-mistiedna li marru f'Gunju baqghu hawn ghal gimgha jew tnejn.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 rega' xehed bil-lingwa Ingliza **Peter Cuthbert** u spjega li l-Marsa Sports Club jinkorpora dixxipli sportivi differenti bhal *cricket*, *tennis*, *golf*, u *squash*. Biex tinghaqad ma' wahda minn dawn l-attivijtajiet trid tkun membru mal-Marsa Sports Club u huwa ilu membru ghal numru ta' snin u meta huwa qal li huwa ma kienx ghadu membru tal-Golf Club ma riedx ifisser li huwa ma ghadux membru fil-Marsa Sports Club. La ghadu membru fil-Malta Sports Club huwa ghadu jista' jmur fl-akkwati tar-Royal Malta Golf Club. Esebixxa dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument X sabiex jindika li huwa ghadu membru tal-Marsa Sports Club.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2014 u li l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'zewg akkuzi alternattivi u cioe' dik ta' serq aggravat bil-valur u l-akkuza ta' ricettazzjoni tal-istess oggett u cioe' li jintuza trolley ghal-loghba Golf.

Ghalhekk din il-Qorti trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Dwar l-ewwel reat u cioe' dak ta' serq aggravat jinghad li jekk wiehed janalizza l-Kodici Penali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk in-nozzjoni tas-serq tista' *prima facie* tidher facli u ta' intelligenza volgari, madankollu r-reat ta' serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-**Programma Speciale** vol IV para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti** (***Vol XXXII(e) IV/814)*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 fejn sar referenza ghal dak li jghid il-gurist Carrara:-

Il-**Carrara** jghid:

*"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkun hemm l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. il-contrectatio tal-haga,
2. li tappartjeni lil terzi,
3. maghmula b'mod frawdolenti,
4. minghajr il-kunsens tas-sid, u
5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss it-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - *animo di farne lucro.* Il-kontracettazzjoni mhix bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia.*

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale,* kif jghid **Manzini** *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena*

m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinstab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza **Il-Pulizija v S. Pisani** **-** deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccezzjonali jista jkun prezunt, u allura l-*buona fede* ta' l-awtur tal-*contrectatio* teskludi r-reat. Bil-kelma *lucro* wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

**Carrara** jghid:

*"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Fissati dawn il-kriterji jista wiehed jghaddi b'certu grad ta' sikurezza biex jezamina l-kaz ta' l-imputat fid-dawl tas-suespost.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien fil-pussess ta' *trolley* li skond ix-xhud Felicity Dix kien jappartjeni lilha. F'dan il-kaz ma hemm l-ebda xhud okulari li ra lill-imputat jisraq it-*trolley* ghaliex fil-fatt huwa kien qed jaghmel uzu minn dan it-*trolley*

proprju fl-istess ekwati fejn kien originarjament jinzamm u cioe' fil-Malta Royal Golf Club. Jinghad li lanqas il-kwerelanti stess ma qalet li rat lill-imputat jisraq it-*trolley,* qalet biss li rat li kien fil-pussess tieghu ftit wara li nduant li taghha kien nieqes. Illi fil-fatt anke jirrizulta li d-data meta dan it-*trolley* ittiehded ma gietx provata ghaliex il-kwerelanti ma ghamlet l-ebda rapport tas-serq ta' dan it-*trolley* qabel ma rat dan it-*trolley* f'idejn l-imputat u ghalhekk lanqas ma jista jinghad li hemm id-duttrina tas-serq *by recent possession* applikabbli ghal kaz. Id-difiza ippruvat ghas-sodisfazjon tal-Qorti li l-kamra fejn kien jinzamm dan it-*trolley* kien accessibli facilment ghal kulhadd ghalkemm teoretikament din il-kamra setghet tintuza biss mill-membri tal-Club. Id-difiza ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-bieb ta' barra ta' dan il-club jinzamm miftuh permezz ta' *dustbin* li jwaqqaf is-sensors tal-bieb milli jinghalaq. In oltre pprovat li s-segretarja tidhol fil-ghodu ghall habta tat-tmienja waqt li fis-sitta ta' filghodu specjalment fix-xhur tas-sajf diga jkun hemm numru ta' membri jilghabu l-Golf qabel ma tibda tisreg ix-xemx u ghalhekk m'hemmx dubju li dan it-*trolley* seta' ttiehded minn diversi persuni.

Li hu zgur pero' li dan it-*trolley* instab f idejn l-imputat f'mument jew iehor u Felicity Dix sid dan it-*trolley* ikkonfrontat lill-imputat u ipprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan it-*trolley* verament kien taghha u ghalhekk f'dan l-stadju ghandu jigi diskuss jekk jezistix ir-reat ta' 'ricettazzjoni'. Ma hemmx dubju li Dix xehdet u kkonfermat li t-*trolley* li kellha u li kienet izomm gewwa l-kamra li kien hemm fil- Malta Royal Gold Club insterqilha u li ghamlet rapport l-ghassa ghaliex rat dan l-istess *trolley* f'idejn l-imputat. Hija pprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li

hija kienet xtrat dan it-*trolley* skond l-ittra esebita minnha datata 1 ta' Ottubru 2013 esebita fl-atti a fol. 18 mmarkata bhala Dok MG. In oltre l-istess Dix esebiet l-invoice relattiv ghal tali akkwist li jinsab esebit fl-atti a fol. 19, liema *trolley* kienet xtratu ghal prezz ta' erba' mija u erbgha u tmenin ewro (€484).

Min naha l-ohra l-imputat jghid li xtara dan it-*trolley* fuq l-Ebay permezz ta' habib tieghu certu Mc Klean. Mistoqsi ghal aktar informazzjoni dwar dan Mc Klean jghid li ltaqa' mieghu per eccidens gewwa stabiliment maghruf bhala Summer Nights gewwa M'Scala pero' mistoqsi gal aktar dettalji dwaru jghid li m'ghandux u fil-fatt jghid li kien qata' kull kuntatt li kellu mieghu u lanqas numru tat-telefon tieghu ma kellu. Mistqosi jesebixxi xi invoice jghid li m'ghandux. Mistoqsi jesebixxi ricevuta tal-hlas jghid li m'ghandux lanqas, u jghid li hallsu cash. Mistoqsi jesebixxi xi dokument li jindika t-transazzjoni li saret jghid li ma kellux. Jghid biss li dan l-allegat Mc Klean kien xtara dan it-*trolley* minn fuq l-internet wara li kien iltaqa' mieghu u qallu li kien interessat jixtri *trolley*. Jghid li mbaghad darba minnhom gablu dan it-*trolley* fil-bagoll tal-vettura tieghu meta kienu M'Scala u tahulu u minn dak in-nhar 'il quddiem jghid li ma rahx aktar.

Illi dan kollu jgibna sabiex il-Qorti tiddiskuti r-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-**Artikolu 334 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta u dwar dak li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'dan ir-rigward.

Illi jirrizulta minn ezami tar-reat in dezamina li l-elementi tar-ricettazzjoni huma:

i. li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta';

ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tezita jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza llegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista' ikun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni u d-Difiza hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma *xjenza*. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma *xjenza.*

Skond il-**Manzini** huwa jispjega li:

*"per l'imputabilita' del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta' del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza*

*che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) jiktbu:

*"knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Zammit</u>** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 28 ta' April, 2000 fejn il-Qorti irriteniet li:-

*"Dwar l-element tal-provenjenza llegali u tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi ndiretti. Bhal ma' dejjem gie ritenut, l-element tax-xjenter jezisti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provenjenza llegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment jaghtu suspett dwar il-provenjenza llegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal per ezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni tal-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u*

*cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita' kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero' mic-cirkostanzi ferm dubjuzi u suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal-grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezisti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tancred Borg** deciza mill-istess Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru, 1988 fejn inghad:-

"*Li wiehed ikollu suspett ta' xi rregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali 24/06/1961* ***Il-Pulizija vs George Tabone*** *deciz fl-24 ta' Gunju, 1961, u* ***Il-Pulizija vs Vincent Calleja*** *deciz fit-30 ta' Novembru, 1978)."*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

a. **Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)**
b. **Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)**
c. **Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)**
d. **Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)**
e. **Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)**
f. **Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)**

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;

3. Dan l-element jista’ jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa’ ghandu, minghajr ma jaghmel

il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista’ ikun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;

5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u ntant tilqa’ dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. Jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru ukoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngiebitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista’ tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghall-iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-

provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Issa fil-kaz in desamina jirizulta li l-imputat ma hax il-prekawzjoni rikjesta mil-ligi sabiex jixtri xi oggett minn fuq l-idejn sabiex jistabilixxi li l-origini ta' tali oggett hija wahda legittima u dan qed jinghad ghaliex f'dan il-kaz l-imputat ma gie muri l-ebda dokument dwar il-provenjenza ta' dan it-*trolley*. Jidher li qabad u afda persuna li bil-kemm jaf sabiex jipprovdilu *trolley* u in effetti dan l-allegat persuna qabad u xtara dan it-*trolley* fi zmien qasir minghajr ma ddiskuta xejn mal-imputat. Jidher li gurnata fost l-ohrajn mar M'Scala b'dan it-*trolley* fil-but tah lill-imputat u thallas tieghu u telaq 'l hemm. La staqsieh ghal xi ricevuta tal-allegat hlas li ghamel u lanqas ghal xi invoice jew dokument sabiex iserrah mohhu li l-akkwist kien wiehed legittimu.

Id-difiza tghid li l-imputat huwa pesuna sta bene tant li kellu negozju gewwa l-Ingilterra u meta kellu biss hamsin sena qabad biegh kollox u beda jghix Malta bhala pensjonant u jghix mir-rikavat li rcieva mill-bejgh tan-negozju tieghu. Jinghad li dan ir-ragunament m'ghandu x' jaqsam

xejn mar-reat in desamina ta’ ricettazzjoni u dan ghaliex fil-fatt mhemmx ghalfejn li wiehed ikun indigenti sabiex jinstab hati tar-reat ta’ ricettazzjoni.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat jissusisti.

Dwar il-piena il-Qorti rat li illum il-gurnata dan it-*trolley* jinsab f’idejn il-kwerelanti u fil-fatt ilu ghandha sa minn qabel ma nfethet il-kawza odjerna u ghalhekk l-istess kwerelanti ma sofriet l-ebda danni materjali.

Rat li l-imputat illum ghandu 72 sena u ghandu fedina penali netta minghajr ebda reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi ghandu jigi trattat daqs li kieku huwa ‘*a first time offender*’.

**Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe’ l-Artikoli 261 (c), 279 (a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputat hati tar-reat ta’ ricettazzjoni u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux hati tal-akkuza l-ohra ta’ serq aggravat bil-valur u tilliberah minnha.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------